MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 102/2007

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Blue Med Travel Services Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u hames Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM2,805.55,0), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici u dana sknd ma kif jidher mill-annessi dokumenti mmarkati Dok A u B;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll bl-imghaxijiet kontra l-**

**konvenuti mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-6 ta' Novembru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------